MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 265/2012

**A B bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri C B u dan permezz ta' digriet moghti fit-23 ta' April 2013**
**vs**
**D B; E F;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tat-8 ta' Novembru 2012 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:-

1. "Illi r-rikorrenti kellha relazzjoni mal-intimat E F liema relazzjoni llum spiccat b'mod definittiv;

2. Illi skont l-Att tat-Twelid hawn anness (Dok. 'MCl') il-minuri qed tidher bhala bint l-intimat D B illi huwa zewg ir-rikorrenti li minnu hija llum legalment separata;

3. Illi fil-fatt il-missier bijologiku tal-minuri C B huwa fil-fatt l-intimat E F;

4. Illi r-rikorrenti taf bic-cert illi l-missier naturali tal-minuri C huwa E F;

5. Illi skont l-att tat-twelid in kwistjoni t-tifla giet irregistrata fuq l-intimat D B u dan peress illi huma dakinhar li twieldet kienu ghadhom biss separati de facto;

6. Illi r-rikorrenti u l-intimat D B sseparaw permezz ta' att pubbliku fl-atti ta' n-Nutar Dottor Sandra Grech datat 27 ta' Marzu 2012 (Dok 'MC2');

7. Illi ghalhekk ir-rikorrenti qed tressaq din il-kawza halli din il-Qorti, anke permezz tal-hatra ta' Perit nominat mill-Qorti jekk ikun il-kaz, tiddikjara li l-intimat E F hu l-missier ta' C B u halli tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku halli jaghmel l-emendi opportuni fl-att tat-twelid relattiv."

Ghaldaqstant hija qed titlob li din il-Qorti:-

1. "Tiddikjara illi l-intimat D B mhuwiex il-missier bijologiku tal-minuri C B;

2. Tiddikjara illi l-intimat E F hu l-missier tal-minuri C B u dana anke permezz tal-hatra ta' perit nominand.

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-Numru 978 tas-sena 2011 (recte 2012) hawn anness u dana billi fit-tielet kolonna jitnehha l-isem 'C B' u jinbidel ghal 'C F' u billi fil-fil-hames kolonna tal-istess Art titnehha l-frazi 'D B' (PIETA' MAL TA) u tidhol il-frazi 'E F' (PIETA');

4. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

Bl-ispejjez u l-intimati jew min minnhom minn issa ingunti in subizzjoni".

Rat il-lista tax-xhieda u n-nota ta' dokumenti tal-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

1. "Illi preliminarjament ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha A B giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri C B skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi in vena preliminari wkoll jinghad li stante l-fatt li ghaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri C, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligljiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri C, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal-procediment tal-azzjoni odjerna.

3. Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri C, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 770 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal- minuri C B, kellha relazzjoni extramaritali ma' E F u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lil E F bhala l-missier naturali tal-imsemmiha minuri C B, u dan ai termini tal-Artikoli 778 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincenternent turi li l-pussess ta' stat tal-minuri C B ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;

6. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li jintlaqghu l-ewwel zewg talbiet attrici l-esponent jinvita lill-intimat E F sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta' tieghu meta twieldet il-minuri C B, (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmiha minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla C B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita C B;

7. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem D B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 978 tas-sena 2012;

8. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.”

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat in-nota tal-attrici tal-21 ta’ Jannar 2013 li permezz taghha ipprezentat il-konnotati tal-konvenut E F kif ukoll affidavit taghha u tal-konvenut D B.

Rat ir-rapport tad-DNA ipprezentat mill-attrici fl-udjenza tat-23 ta’ Mejju 2013.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**L-Azzjoni Attrici.**

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri C B qed titlob lill-Qorti tiddikjara li zewgha l-konvenut D B jigi dikjarat li mhuwiex missier il-minuri C u li l-missier bijologiku tal-minuri huwa l-konvenut E F.

**Provi.**

Mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-attrici weldet lill-minuri C fit-23 ta' Frar 2012 u t-tarbija giet registrata bhala bint l-attrici u zewgha D B peress li l-konjugi B ma kienux ghadhom legalment separati.

Fil-fatt l-attrici u l-konvenut D B isseparaw in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Sandra Grech tas-27 ta' Marzu 2012.

L-attrici xehdet illi f'Marzu tas-sena 2011 hija bdiet relazzjoni mal-konvenut E F qabel ma sseparat minn ma' zewgha. Hija ddikjarat li matul il-perijodu in kwistjoni hija kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut E F biss u ghalhekk kienet certa li F huwa missier it-tarbija.

Il-konvenut D Camillieri xehed li matul iz-zwieg tieghu mal-attrici huma kellhom tifel fil-5 ta' April 2009. Il-konjugi B isseparaw *de facto* fis-16 ta' Settembru 2010 meta l-attrici telqet mid-dar matrimonjali. Iddikjara li minn dakinhar 'il quddiem huwa qatt ma kellu relazzjonijiet intimi ma' martu.

Fix-xhieda tieghu il-konvenut E F jikkonferma t-testimonjanza tal-attrici. Jispjega li hu u l-attrici ghadhom f'relazzjoni sallum.

Ix-xhieda tal-partijiet hija korroborata mit-testimonjanza ta’ Dr Marisa Cassar li kkonduciet it-testijiet tad-DNA ezebiti fid-9 ta’ Lulju 2013 fejn gie certifikat li mit-testijiet xjentifici jirrizulta li D B mhuwiex missier il-minuri C filwaqt li irrizulta wkoll li l-konvenut E Cutarja huwa l-missier bijologiku tal-minuri C.

**Konsiderazzjonijiet.**

Fl-ewwel lok jirrizulta li l-kawza ma gietx intavolata fit-terminu legali dettat mill- Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 in kwantu l-minuri twieldet fit-23 ta’ Frar 2012 filwaqt li l-kawza giet intavolata fit-8 ta’ Novembru 2012.

Ghalkemm l-attrici ma osservatx it-terminu impost bl-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet kollha li l-istat tal-minuri ma jaqbilx mal-kontenut tac-certifikat tat-twelid u ghalhekk jekk il-Qorti tipprosegwi ghas-sentenza fuq il-provi migjuba m’hu ser jigi lez id-dritt ta’ hadd. Ghal kuntrarju ser jigu evitati spejjez doppji u kawza ohra li immankabilment twassal ghall-istess konkluzzjoni bhal dik odjerna.

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**artikolu 77B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77B fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) ir-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.
2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.
3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Ghalkemm il-minuri f'dawn il-proceduri mhijiex konvenuta, hija qed tippartecipa bhala attrici rapprezentata mill-attrici u konsegwentement il-gudizzju huwa integru.

Mill-atti jirrizulta li dawn it-tlett rekwiziti huma sodisfatti.

Fil-hames eccezzjoni tieghu id-Direttur konvenut jinvoka l-**Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-

*(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.*

Mill-provi akwiziti jirrizulta li sa mill-koncepitment tal-minuri, l-attrici u l-konvenut E F kienu qed jghixu flimkien u hekk ghadhom sallum flimkien mat-tifla minuri. Ghalhekk il-pusses ta' stat tal-minuri huwa li hi bint l-attrici u l-konvenut E F.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur bil-mod kif fuq spjegat:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut D B mhuwiex il-missier bijologiku tal-minuri C.

2. Tilqa' it-tieni talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut E F huwa l-missier bijologiku tal-minuri C.

3. Tilqa' it-tielet talba attrici u tordna lid-Direttur konvenut sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-numru 978 tas-sena 2012 billi jitnehha l-isem u l-konnotati tal-konvenut D B bhala l-missier u minflokk jitnizzlu l-isem u l-konnotati tal-konvenut E F; kunjom il-minuri jigi indikat bhala F minflokk B filwaqt li jigu kancellati l-kliem "the said" mill-konnotati tal-omm.

4. Tilqa' ir-raba' talba kif dedotta.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-konvenut E F in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------